**Laqgha Numru 06/K7/2013 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

Is-Sitt Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.32 pm wara li ntemmet il-laqgha tal-Bord ta' l-Ghazla.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillieri Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-31 ta' Mejju 2013. L-Agenda kienet:

1. **Aggudikar ta' Tenders 05 u 06/2013.**

## 01. Aggudikar ta' Tenders 05 u 06/2013.

***1.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata u halliet il-laqgha fis-7.35pm.***

1.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-Rapport tal-Bord ta' l-Ghazla. **(Ara Dok A)**

1.03. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien unanimament qed jirrakkomanda li **05/2013 Tender for Upgarding Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta using environmentally friendly materials** ghandha tinghata lill-kumpanija **George Farrugia obo Joseph Caruana** abbażi tar-rapport tal-Perit, liema rapport jindika li l-kumpanija Forestals ma provditx dak kollu mitlub bhala samples u ghalhekk teknikament l-offerta m'hijiex wahda shiha, kif ukoll abbazi li bejn iz-zewg offerti l-ohra, l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Il-Bord irrakkomanda li l-provvista tar-railings u CCTV m'ghadhomx ikunu parti minn din l-offerta. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

1.04. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

1.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.06. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien unanimament qed jirrakkomanda li **06/2013 Tender for Upgarding Gnien 4 ta' Lulju using environmentally friendly materials** ghandha tinghata lill-kumpanija **M-Quip Ltd.** abbazi tar-rapport tal-Perit, liema rapport jindika li l-kumpanija Forestals ma provditx

dak kollu mitlub bhala samples u ghalhekk teknikament l-offerta m'hijiex wahda shiha, kif ukoll abbazi li l-offerta taghhom hija valida. Il-Bord irrakkomanda li l-provvista ta' CCTV m'ghadhomx ikunu parti minn din l-offerta. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

1.07. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-19.40pm.

| Dean Hili | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |